MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 598/2010

**Vodafone Malta Limited (C 10865)**
**Vs**
**Oivend Xuereb (K.I. 328885M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, seba' mija tmienja u erbghin ewro u disgha u disghin centezmu (€1,748.99) rapprezentanti in kwantu ghal seba' mija u sitta u sittin ewro u sitta u erbghin centezmu (€766.46) prezz ghal servizz ta' internet u telefonija in konnessjoni ma' numru ta' *mobile phone* 7998 6699 dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi rezi w in kwantu ghal disgha mija tnejn u tmenin ewro u tlieta u sittin centezmu (€982.63) prezz ghal servizzi ta' telefonija cellulari rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut inkonnessjoni ma' *mobile phone* bin-numru 7981 4272.

Illi l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-pagament effettiv izda dan baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment u bl-imghax mid-data ta' meta dan l-ammont kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-28 ta' Frar, 2011 mill-Avukat Nadia Vella u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-crkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba ghall-ispejjez, bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------